- *talba għar-revoka parzjali tal-eżekuzzjoni ta' mandat kawtelatorju (mandat ta' desrkizzjoni) minn terz li jallega li parti mill-oġġetti maqbuda huma tiegħu u mhux tal-eżekutand iddikjarata irritwali għax saret b'rikors minflok b'rikors ġuramentat*

QORTI ĊIVILI

PRIM'AWLA

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA LL.D.

Rikors Revoka 663/2018 GM

Fl-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni numru 625/2018 MB fl-ismijiet:

Anthony Vella (ID 405151M) u Irene Vella (ID 569858M)

Vs

Alfred Mifsud (ID95937M) u Mary Mifsud (ID 557936M)

Seduta tat-12 ta' Frar 2019

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li permezz tiegħu Philip Camilleri u martu Marthese Camilleri, u Mary Anne Bezzina; qegħdin jitolbu t-tħassir *contrario imperio* tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' deskrizzjoni fl-ismijiet premessi in kwantu jolqot uħud mill-effetti mobbli fl-appartament u garaxx fejn ġie eżegwit il-mandat billi dawn huma proprjeta` tagħhom, u mhux tal-konjugi Mifsud, eżekutanti tal-imsemmi mandat;

Illi l-konjuġi Mifsud qablu mal-konjuġi Camilleri u Mary Anne Bezzina (risposta tas-26 ta' Settembru 2018) filwaqt li l-eżekutandi ma qablux li nġiebet prova tajba biżżejjed biex jista' jitqies li l-mobbli in kwistjoni tassew huma tal-konjuġi Camilleri. Dan apparti li jsostnu li t-talba ma setgħetx issir kif saret għaliex ma tistax issir talba għat-tħassir ta' eżekuzzjoni ta' mandat li diġa` saret; messha saret talba għar-revoka ta' parti mill-mandat (risposta tal-24 ta' Settembru 2018);

Illi fl-udjenza tal-25 t'Ottubru 2018 xehdu bil-ġurament l-eżekutand Alfred Mifsud u r-rikorrenti Mary Anne Bezzina; il-partijiet għalqu l-provi tagħhom, saru sottomissjonijiet verbali u l-kawża ġiet differita għad-digriet għall-10 ta' Jannar 2019. F'din l-aħħar seduta, din il-Qorti ma ppronunzjatx id-digriet iżda qanqlet *marte proprio* l-eċċezzjoni tal-irritwalita` u allura tal-improponibilita` tat-talba bil-proċedura tar-rikors u ddifferiet il-kawża ghat-12 ta' Frar 2019 biex ir-rikorrenti jirregolaw ruħhom. Billi r-rikorrenti naqsu li jindikaw lill-Qorti abbażi ta' liema provvediment tal-liġi tal-proċedura ippreżentaw ir-rikors promotur tagħom, din il-Qorti permezz ta'

dan il-provvediment sejra tippronunzja ruħha dwar l-eċċezzjoni imqanqla minnha stess *ex officio*;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti mhumiex jattakkaw il-validita` tal-mandat, imma biss l-eżekuzzjoni tiegħu in kwantu jolqothom bħala terzi;

Illi sal-1995, meta saru emendi estensivi għall-kodiċi ritwali, fuq rakkomandazzjonijiet ta' kumitat tal-Permanent Law Reform Commission (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "Il-Kummissjoni"), maħtur *ad hoc* fit-28 ta' Mejju 1992, bħala regola, il-mandati kemm eżekuttivi kif ukoll kawtelatorji kienu jinħarġu mingħajr smiegħ u l-uniku mezz li bih setgħu jiġu mħassrin kien permezz ta' ċitazzjoni. Il-Kummissjoni ħasset li, partikolarment meta jinħareġ mandat kawtelatorju, li jista' jġib ħsara u tbatija kbira lill-eżekutat, hemm nuqqas serju ta' smiegħ xieraq; nuqqas li b'mod ġenerali ma jistax jiġi ndirizzat mingħajr ma titneħħa l-effettivita` tiegħu, u għalhekk ipproponiet bilanċ bl-introduzzjoni ta' proċedura speditujża, sempliċi u rħisa li permezz tagħha mandat jista' jiġi attakkat:

> "*Under the present system these acts are generally issued without a prior hearing and can only be revoked by a court judgement given after rather lengthy proceedings (instituted by writ of summons... The Commission has therefore devised amendments which, while retaining the present position where most warrants are issued without prior notice to the defendant, provide* ***<u>the defendant</u>***[1] *with the appropriate means to test expeditiously before a Court of law the legality of its issue. Precautionary warrants in particular are, therefore, no longer percieved as issued on the sole responsibility of the plaintiff, but are seen as the subject of a discretion to be exercised by the Court in the*

[1] enfasi miżjuda mill-Qorti

*light of what is prudent, legitimate and expedient in order to safeguard the rights of all the parties concerned*"[2];

Illi l-Kummissjoni ħasbet għal proċedura iktar sempliċi u spedituża (b'rikors) għall-eżekutand, iżda mhux ukoll għal terzi effettwati bil-ħruġ ta' mandat kawtelatorju jew eżekuttiv. Fl-emenda proposta bħala Artiklu 283A, li tikkonċerna mandati eżekuttivi, l-Kummissjoni ipproponiet li tiġi mogħtija l-fakulta` li jattakka b'rikors sempliċi lil "*the person against whom an executive act has been issued*". Korrispondentement għal dan, fl-abbożż propost mill-Kummissjoni għall-Artiklu 836, li jikkonċerna mandati kawtelatorji, insibu kliem simili: "the person against whom any precautionary act has been issued";

Illi bl-Att XIV.2006.12, l-Artiklu 283A ġie mħassar u ntrodott mill-ġdid (b'xi tibdil) bħala l-Artiklu 281 li llum estenda l-fakulta` msemmija lil terzi nteressati: "persuna kontra min inħareġ att eżekuttiv **jew xi persuna oħra interessata**" [3]. Fil-każ ta' mandati kawtelatorji, iżda, ma nsibux l-istess estensjoni. Skont l-Artiklu 836, kif inhu llum, jista' jitlob ir-revoka tal-mandat, kollu jew parti minnu, "**l-intimat** li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih". **Il-liġi ma ssemmix ukoll "xi persuna oħra interessata" bħalma tagħmel fil-każ ta' mandati eżekuttivi**. Jista' jkun li din id-differenza hija dovuta għal sempliċi svista tal-leġislatur. B'danakollu, il-Qorti mhix akkademja spekulattiva; għandha jdejha marbutin bil-liġi, u konsegwentement hija obbligata ssegwi l-massima ta' *ubi lex voluit dixit.* Għalhekk jidher li l-liġi ma tiffakoltizzax lir-rikorrenti, bħala terzi, biex iressqu l-pretenzjoni tagħhom permezz ta' sempliċi rikors. Fil-fehma ta' din

[2] – *Justice Within a Reasonable Time – November 1993*, para 21, paġna 24

[3] enfażi miżjuda mill-Qorti

il-Qorti, jinħtiġilhom imexxu bil-proċedura tar-rikors ġuramentat, jew aħjar, kif sa ftit ilu kienet b'mod iktar xjentifiku msemmija, taċ-ċitazzjoni – ċjoe` l-proċedura li qabel l-emendi tal-1995 u sussegwenti kienet tgħodd għal kull min ried jattakka mandat, kemm kawtelatorju kif ukoll eżekuttiv, kemm jekk ikun l-eżekutand kif ukoll jekk ikun terz;

Illi l-Qorti tista' tieqaf hawn. B'danakollu, għall-fini ta' kjarezza, u tenut kont ta' ċerti kummenti fir-risposta tal-eżekutandi, tħoss li hu opportun li tirrileva li l-ġurisprudenza maġġoritarja (għalkemm mhux unanima) tagħna tiddistingwi bejn l-impunjazzjoni tal-validita` ta' mandat u l-oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni tiegħu. Konsegwentement **ġie ritenut li *ai termini* tal-Artiklu 281, terz interessat jista' jattakka l-validita` ta' mandat eżekuttiv, iżda mhux ukoll l-eżekuzzjoni tiegħu. F'din l-aħħar eventwalita` jrid jipproċedi bil-proċedura tar-rikors ġuramentat.** L-għaref u l-wisq erudit Imħallef Joseph R. Micallef kellu l-okkażjoni li jikkummenta hekk fi proċedura istitwita b'rikors sempliċi minn terz li kien sid t'oġġetti maqbuda b'mandat ta' qbid eżekuttiv:

> "Illi bl-**ewwel eċċezzjoni** tagħha, l-kumpannija intimata qiegħda tgħid li r-rikorrenti ma tistax tmexxi 'l quddiem l-azzjoni tagħha. Din l-eċċezzjoni tfisser li r-rikorrenti m'għandhiex leġittimazzjoni attiva (*locus standi judicio*) biex tressaq it-talba li għażlet li tagħmel. L-intimata tgħid dan għaliex l-azzjoni taħt l-artikolu 281 **f'dan il-każ u f'każijiet oħrajn bħalu** setgħet issir biss minn min ikun inħareġ kontrih il-Mandat eżekuttiv li jkun irid iħassar, għal kollox jew f'biċċa minnu;
>
> "Illi jekk wieħed jara kif inhu mfassal illum il-ġurnata l- artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, isib li l- azzjoni għat-tħassir ta' Mandat eżekuttiv tingħata lil kull persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv "jew xi persuna oħra interessata". Minn qari waħdu ta' dak il-

kliem, wieħed kien jiċħad mill-ewwel l-eċċezzjoni taħt eżami, għaliex sewwasew minħabba dik il-bidla fil-liġi[4], persuni bħar-rikorrenti ingħatalhom jedd li jressqu azzjoni taħt l-imsemmi artikolu;

"Illi huwa aċċettat li l-fatt li l-ħwejjeġ maqbuda fl-eżekuzzjoni ta' Mandat ma jagħmlux mill-ġid tad-debitur eżekutat ma għandu jkollu l-ebda effett fuq is-siwi tal-Mandat innifsu, iżda jekk stess iħalli effett fuq l-eżekuzzjoni[5]. Min għandu d-dritt u l-interess li jattakka dik l-eżekuzzjoni, m'għandux il-jedd li jattakka s-siwi tal-Mandat li bis-saħħa tiegħu saret tali eżekuzzjoni, sakemm ma toħroġx xi waħda mir-raġunijiet li trid il-liġi[6]. Min-naħa l-oħra, t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' Mandat ma ssirx taħt l- artikolu 281[7];

"Illi l-prattika stabilita, mbagħad, hi li min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' Mandat, irid jagħmel dan billi jmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-liġi. Illum il-ġurnata, din il- proċedura hija azzjoni li tinbeda b'Rikors Maħluf[8]. Hawn ukoll, ir-rikors imressaq f'din il-kawża, mhux biss m'huwiex wieħed maħluf, imma jonqos f'partijiet essenzjali tiegħu mill-forma stabilita fl-artikolu 156 tal-Kodiċi tal-Proċedura;

"Illi għalhekk ukoll, ir-rikors imressaq mir-rikorrenti Josephine Żammit ma jiswiex għall-finijiet tal-artikolu 789(1)(ċ) tal-imsemmi Kodiċi. It-tieni eċċezzjoni proċedurali tirriżulta wkoll mistħoqqa" [9];

Illi l-istess Imħallef kellu okkażjoni oħra fejn itenni l-ħtieġa li terz li jallega li ħwejjeġ maqbudin f'mandat bejn oħrajn huma tiegħu jagħmel dan permezz ta' rikors ġuramentat:

---

[4] [6] Li seħħet bis-saħħa tal-art. 12 tal-Att XIV tal-2006 (imma li daħlet fis-seħħ biss fl-1 ta' Jannar, 2009)

[5] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (degriet interlokutorju)(mhux publikat)

[6] P.A. GCD **28.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Gianfranco Tolio vs Danuta Komarzynic***

[7] App. Ċiv . **5.2.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Persiano et vs Persiano*** Kollez. Vol: **LXXXVI.ii.257**

[8] Ara Prim'Awla AJM **5.3.2001** fil-kawża ***Terranet Limited vs Linknet Limited et***

[9] Bay Street Holdings Limited v Walter Zammit Cachia 07.04.2009 PA per Onor. Imħallef J.R. Micallef

«Illi bħala konsiderazzjonijiet ta' dritt marbuta mal-każ, il- qorti sejra, qabel kull ħaġa oħra, tistħarreġ il-kwestjoni mqanqla mill-intimat eżekutanti dwar is-siwi tal-proċedura meħuda mir-rikorrenti. Dan jingħad għaliex jekk kemm-il darba l-qorti ssib li dik l-eċċezzjoni proċedurali hija mistħoqqa, ma jkunx hemm għalfejn li tistħarreġ ukoll il-mertu tar-rikors;

«Illi bl-imsemmija eċċezzjoni, l-intimat eżekutant irid li l- qorti ssib li l-mod kif ir-rikorrenti Holland dehrilha li kellha tressaq it-talba tagħha ma messux sar bil-mod minnha magħżul, jiġifieri bir-rikors taħt l-artikolu 281 tal-Kodiċi tal- Proċedura Ċivili, iżda bil-proċedura ordinarja tar-rikors maħluf. Huwa jsejjes din l-eċċezzjoni fuq żewġ kawżali: it-tieni hija li dak li torbot fuqu r-rikorrenti jitlob il- prova li hija sidt il-ħwejjeġ maqbuda bil-mandati attakkati u li dik il-prova tista' tinġieb f'kawża normali u mhux fi proċedura li tattakka l-att eżekuttiv;

«Illi dwar it-tieni raġuni miġjuba 'l quddiem mill-intimat eżekutant hemm aktar x'wieħed jgħid. Dan għaliex, kif ingħad qabel, ir-rikorrenti qiegħda titlob biss it-tħassir tal- eżekuzzjoni tal-mandat u tal-atti kollha li jsegwu dik l- eżekuzzjoni, u mhix qiegħda titlob it-tħassir tal-mandat innifsu. Għalkemm l-intimat iqiegħed din il-parti tal- eċċezzjoni taħt il-kwestjoni tal-għamla ta' provi li huma meħtieġa, l-qorti ma tistax twarrab minn quddiemha l-fatt li għadu kemm issemma, għaliex il-grad ta' prova mistenni f'kawża minnu nnifsu m'huwiex determinati għas-siwi tal-proċedura li biha tinbeda l-kawża;

«Illi l-kwestjoni li tqum hija jekk kemm-il darba r-rikorrenti setgħetx tinqeda bl-artikolu 281, ladarba hija qiegħda titlob biss li titħassar l-eżekuzzjoni tal-mandati maħruġa mill-intimati eżekutanti safejn dawk il-mandati laqtu lil ħwejjiġha;

«Illi l-qorti tibda biex tgħid li r-rimedju mogħti bl-imsemmi artikolu 281 huwa wieħed speċjali (kemm fir-rigward tal- proċedura mfassla u kif ukoll għas-sura ta' rimedju mogħti) maħsub li jġib it-tħassir tal-att eżekuttiv, kemm għal kollox jew inkella f'biċċa minnu, u dan "għal raġuni valida skond il-liġi". Għalkemm ma tingħata l-ebda tifsira fil-liġi dwar x'tista' tkun "raġuni valida" li twassal għall-għoti tar-rimedju mitlub, huwa meqjus li, għall-finijiet tal-artikolu 281, l-għan li għaliha ddaħħlet din id-dispożizzjoni fil- Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti interessata tista' ġġarrab preġudizzju, u dan billi jsir eżami formali

tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-qorti tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat ikunu tħarsu u jkunu jidhru mill-att eżekuttiv innifsu, u li dak il-mandat ma jkunx inħareġ b'mod abbużiv;

«Illi huwa aċċettat li l-fatt li l-ħwejjeġ maqbuda fleżekuzzjoni ta' mandat ma jagħmlux mill-ġid tad-debitur eżekutat ma għandu jkollu l-ebda effett fuq is-siwi tal- mandat innifsu, iżda jekk stess iħalli effett fuq l-eżekuzzjoni. Min għandu d-dritt u l-interess li jattakka dik l-eżekuzzjoni, m'għandux il-jedd li jattakka s-siwi tal- mandat li bis-saħħa tiegħu saret tali eżekuzzjoni, sakemm ma toħroġx xi waħda mir-raġunijiet li trid il-liġi. Min-naħa l- oħra, t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' mandat ma ssirx taħt l-artikolu 281;

«Illi l-prattika stabilita, mbagħad, hi li min irid jattakka l- eżekuzzjoni ta' mandat, irid jagħmel dan billi jmexxi bil- proċedura normali maħsuba fil-liġi. Illum il-ġurnata, din il- proċedura hija azzjoni li tinbeda b'rikors maħluf. Hawn ukoll, ir-rikors imressaq f'din il-kawża, mhux biss m'huwiex wieħed maħluf, imma jonqos f'partijiet essenzjali tiegħu mill-forma stabilita fl-artikolu 156 tal-Kodiċi tal-Proċedura; «Illi jagħti 'l wieħed x'jargumenta bis-sħiħ jekk l- eżekuzzjoni ta' mandat għandhiex titqies bħala parti essenzjali mill-istess mandat. U dan jista' wkoll jitqies fid-dawl tar-rimedju mogħti fi kliem l-artikolu 281 lil "xi persuna oħra interessata". Fl-istess waqt, il-qorti tagħraf ukoll li l-fehmiet tal-qrati tagħna dwar jekk l-artikolu 281 jistax iservi biex wieħed jattakka l-eżekuzzjoni ta' mandat eżekuttiv m'hux dejjem jaqblu. Madankollu, l-fehma ta' din il-qorti hi li l-proċedura tal-artikolu 281 ma tistax tgħin biex persuna tattakka l-eżekuzzjoni u mhux is-siwi tal-mandat innifsu. Din il-fehma, minbarra dak li ssemma qabel, toħroġ ukoll mill-fatt li r-rimedju mogħti mil-liġi għal min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' att eżekuttiv (jiġifieri bi proċedura kontenzjuża "normali") kien jeżisti sa minn qabel ma ddaħħal fil-Kodiċi r-rimedju speċjali li llum jinstab fl-artikolu 281 (qabel kien imsejjaħ l-art. 283A). Ma jidhirx li meta l-leġislatur (fl-2006) wessa' l-applikazzjoni tal-artikolu 281 tal-Kap 12 favur "xi persuna oħra interessata" wessa' wkoll ir-raġunijiet li dwarhom dak ir-rimedju sata' jintalab qabel dak iż-żmien. Wieħed ma jridx jinsa li r-rimedju mogħti taħt l-artikolu 281 tal-Kodiċi tal-Proċedura m'huwiex ir-rimedju waħdieni li jista' jingħata "taħt din il-liġi jew xi liġi oħra";

«Illi lardarba r-rikorrenti dehrilha li kellha tmexxi b'sempliċi rikors u

mhux b'rikors maħluf, joħroġ li r-rikors imressaq minnha ma jiswiex għall-finijiet tal-artikolu 789(1)(ċ) tal- imsemmi Kapitolu 12 u sa dan ir-rigward, l-eċċezzjoni proċedurali tal-intimat eżekutant tirriżulta mistħoqqa. Dan, naturalment, jingħad bla ebda ħsara għal kull rimedju ieħor li l-istess rikorrenti tista' tinqeda bih biex tikseb dak li talbet f'din il-proċedura tal-lum; [10]

**Illi minn dan il-provvediment sar appell, iżda l-Qorti tal-Appell qablet mar-raġunament tal-ewwel Qorti u żiedet tgħid li:**

"4. Ir-rikorrenti appellat minn dan il-provvediment b'rikors tat-22 ta' Ġunju 2012. L-aggravju tagħha, essenzjalment, huwa illi ma taqbilx mal-interpretazzjoni mogħtija mill-ewwel qorti lill-art. 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Tgħid illi l-ktejjeb maħruġ mill-Ministeru tal-Ġustizzja biex ifisser il-ħsieb tal- leġislatur meta daħħal b'liġi l-art. 281 jixhed illi l-ħsieb kien:

«*To render available this remedy not only to the creditor and to the debtor, but also to third parties that could be affected. This is very important in a warrant for seizure where the execution takes place on the property of third parties who, as the system now stands, have to embark upon making a lawsuit in the normal manner, whereas with this proposal they can avail themselves of this expedient and simple legal procedure.*»

"5. Din l-interpretazzjoni, tgħid ir-rikorrenti, hija msaħħa mill-kliem tal-liġi illi jgħid illi r-rimedju taħt l-art. 281 tista' tinqeda bih biex tħassar mandat eżekuttiv "f'kollox jew f'parti minnu". L-eżekuzzjoni hija "parti" mill-mandat għax "komprensiva (sic) fl-ordni mogħtija u sottoskritta mill-qorti lill-marixxall eżekutant".

"6. Ir-rikorrenti tistrieħ ukoll fuq din is-silta minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Awissu 2011 in re **Alan Bartoli nomine versus A Gatt Trading Limited et**:

«Fir-rigward tal-proċedura li kellha tiġi segwita, il-qorti taqbel li l-kumpannija attriċi kellha l-opportunità li tipproċedi skond l-artikolu

[10] Aquilina v Fountain provvediment mogħti fil-30.11.2012 Prim'Awla ippreseduta minn JR Micallef

281 tal-Kap. 12. Terzi li m'huwiex parti f'mandat ta' qbid eżekuttiv għandu kull jedd li jagħmel rikors u jitlob li jitħassar il-mandat eżekuttiv, "għal raġuni valida skond il-liġi". Fil-fehma tal-qorti l-fatt li t-terz hu proprjetarju tal-mobbli li jkunu nqabdu hi raġuni valida biex isir rikors simili. »

"7. Il-kreditur Fenech wieġeb fil-25 ta' Settembru 2012 u fisser għala, fil-fehma tiegħu, l-appell għandu jiġi miċħud. 8. Il-kwistjoni, fil-fehma ta' din il-qorti, hija jekk l- eżekuzzjoni ta' mandat hijiex "parti" mill-mandat innifsu u għalhekk tintlaqat mill-kliem tal-art. 281:

«281. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r- rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.»

"9. Il-qorti hija tal-fehma illi l-eżekuzzjoni ma hijiex "parti" mill-mandat. Meta l-liġi tgħid illi mandat jista' jitħassar "f'parti minnu biss" qiegħda tirreferi għal każijiet bħal meta mandat jinħareġ għal sorte li tkun aktar mis- somma kanonizzata, u għalhekk jitħassar għall-parti żejda, jew meta jinħareġ kontra bosta persuni li fosthom ikun hemm min ma huwiex debitur kanonizzat, u għalhekk il-mandat jitħassar safejn ikun inħareġ kontra min ma huwiex debitur kanonizzat.

"10. It-tħassir tal-eżekuzzjoni iżda hija differenti mit- tħassir ta' parti mill-mandat. Ir-raġuni għala l-liġi tippermetti t-tħassir ta' mandat jew ta' parti minnu iżda mhux tal-eżekuzzjoni bil-proċedura taħt l-art. 281 hija ovvja:

"11. Il-proċedura taħt l-art. 281 hija sommarja, kif jixhdu wkoll it-termini qosra li timponi l-liġi għad-deċiżjoni fuq rikors magħmul taħt dak l-artikolu. Kwistjonijiet dwar jekk il-mandat inħariġx mill-qorti kompetenti, dwar jekk inħariġx bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv, dwar il-quantum tad-dejn kanonizzat, dwar l-identità tad-debitur kanonizzat – li kollha jistgħu jwasslu għat-tħassir tal-mandat jew ta' parti minnu – huma kollha kwistjonijiet li jistgħu jinqatgħu wara stħarriġ sommarju. Kwistjonijiet dwar il-proprjetà tal- ħwejjeġ milquta bil-mandat, li, bħal fil-każ tallum, iwasslu għat-tħassir mhux tal-mandat jew ta' parti minnu

iżda tal- eżekuzzjoni, jeħtieġu stħarriġ aktar fit-tul li ma jistax isir fi smigħ sommarju. Huwa għalhekk illi l-liġi għal każijiet bħal dak tallum trid illi l-proċedura ssir b'dik normali ta' rikors maħluf.

"12. Tassew illi l-ktejjeb maħruġ mill-Ministeru tal- Ġustizzja dwar il-ħsieb wara l-art. 281 jagħtik x'tifhem illi l-ħsieb kien illi taħt l-art. 281 tista' ssir ukoll talba biex titħassar biss l-eżekuzzjoni u mhux il-mandat innifsu jew parti minnu. Dak il-ktejjeb iżda jagħti biss interpretazzjoni li ma torbotx lill-qorti: ma huwiex att b'saħħa ta' liġi u għalhekk l-interpretazzjoni hemm mogħtija ma tistax titqies waħda "awtentika".

"13. Billi għalhekk din il-qorti taqbel mal-interpretazzjoni mogħtija mill-ewwel qorti, qiegħda tiċħad l-appell bl- ispejjeż kontra r-rikorrenti"[11];

Illi f'każ fejn inqabdu oġġetti mobbli ta' bint l-eżekutat ta' mandat ta' qbid, u din talbet (b'ċitazzjoni) ir-revoka tal-mandat, il-Qorti ċaħditilha t-talba għaliex messha talbet ir-revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandat:

---

"Milħuqa din il-konklużjoni, din il-Qorti ma tistax, pero`, tilqa' t-tieni, it-tielet u r-raba' talba attriċi, u dana peress li l-mandat ta' qbid in kwistjoni mhux null fih innifsu. Is-soċjeta` konvenuta kellha kull dritt, wara s-sentenza li otteniet, li titlob il-ħruġ ta' mandat eżekuttiv u li titlob l-eżekuzzjoni tiegħu fir-residenza tad-debitur. Li kien messha talbet l-attriċi kien ir-revoka tal-esekuzzjoni tal-mandat in kwantu tolqot l-oġġetti proprjeta` taghha. Hekk tesiġi l-ġurisprudenza, li trid ukoll li d-debitur jitpoġġa fil-kawża bħala konvenut flimkien mal-kreditur (ara "**Spiteri vs Perry**", decisa minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru, 1994; "**Formosa vs Grech**", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-18 ta' Mejju, 1979, u "**Talio vs Komarzynic**", deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 1999)[12]";

Illi għalhekk in vista tal-liġi u l-ġurisprudenza fuq esposta, hemm għadd ta'

---

[11] Aquilina v Fountain provvediment mogħti 30.11.2012 - Qorti tal-Appell

[12] Josephine Cutajar v ARVA Insurance Agency Limited 18.02.2004 Prim'Awla, sedenti l-Onor. Imħallef Tonio Mallia

raġunijiet l-għala l-proċedura tar-rikorrenti hija irritwali: L-ewwel għaliex il-liġi, kuntrarjament għal dak li tagħmel fil-każ ta' mandati eżekuttivi, ma testendix, fl-Artiklu 836(1), li jitratta mandate kawtelatorji, r-rimedju ta' rikors sempliċi għal terzi iżda lill-eżekutat biss; it-tieni l-għaliex ir-raġuni tat-talba ma tinkwadra ruħha fl-ebda waħda mir-raġunijiet tassattivament mogħtija fil-paragrafi (a) sa (f) tal-istess Artiklu u t-tielet billi ankorke` r-rimedju kellu jitqies li jestendi għal terzi, bl-istess argument li l-ġurisprudenza applikat għall-mandati eżekuttivi, xorta ma kienx ikun applikabbli billi huwa ristrett għall-impunjazzjoni tal-validita` tal-att innifsu u mhux ukoll għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tiegħu.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddikjara r-rikors għar-revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' deskrizzjoni numru 625/18 irritwali u konsegwentement null u bla effett.

Spejjeż a kariku tar-rikorrenti.

Onor. Imħallef

Grazio Mercieca